MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 380/2010

**Rikors Nru. 380/10VG**

**Fl-atti ta’ l-ittra ufficjali bin-numru 3704/10 fl-ismijiet:**

**L-Awtorità ghat-Trasport f’Malta (Transport Malta)**

**Vs.**

**Marthese Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Marthese Borg fit-8 ta’ Ottubru 2010 permezz ta’ liema titlob lil din il-Qorti tichad it-talba ghall-hlas avvanzata mill-Awtorità intimata fil-konfront taghha permezz ta’ l-ittra ufficjali bin-numru 3704/10 fl-ismijiet premessi;

Rat ir-Risposta ta’ l-Awtorità intimata permezz ta’ liema, filwaqt li tippremetti li r-rikorrenti ghandha tipprova l-

allegazzjonijiet minnha mressqa fir-Rikors taghha, topponi ghat-talba tar-rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda ghaliex: (i) il-kopja tar-Rikors li ntbaghtet lill-Awtorità intimata ma huwiex konformi ma’ dak dispost fl-Artikolu 174(2)(a) u (c) tal-Kap.12; (ii) ir-Rikors qed isir taht l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta u skond is-subartikolu (5) ta’ l-istess artikolu tal-Ligi, r-rikorrenti kellha tindika x-xhieda li bi hsiebha tipproduci b’sostenn tat-talba taghha, u billi mar-Rikors ma hemmx lista tax-xhieda ebda xhieda ma tista’ titressaq f’dan il-kaz mir-rikorrenti; (iii) fil-mertu r-rikorrenti tammetti li l-*vettura giet trasferita lil terzi u ffirmat d-dokumentazzjoni kollha relatata sabiex jigi effettwat it-transfer* izda skond ma jirrizulta mir-records ta’ l-Awtorità intimata l-vettura bil-pjanci tar-registrazzjoni bin-numru IAI-643 ghadha registrata fuq ir-rikorrenti u dan stante li hija ma tghatx l-avviz rikjest mill-ligi lill-Awtorità intimata ta’ dan l-allegat bejgh jew trasferiment. Lanqas ma jirrizulta mill-imsemmi file li r-rikorrenti ipprezentat l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment. Konsegwentement ir-rikorrenti, a tenur ta’ l-Artikolu 26 tal-Kap.65 tal-Ligjiet ta’ Malta, ghadha legalment responsabbli ghall-licenzji dovuti;

Rat id-Digriet tal-15 ta’ Novembru 2010 li bih laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex tigi awtorizzata tipprezenta Nota li fiha tindika x-xhieda li bi hsiebha tressaq in sostenn tat-talba taghha u rat id-Digriet ta’ l-20 ta’ Jannar 2011 li bih it-terminu koncess lir-rikorrenti ghall-prezentata tal-lista tax-xhieda gie estiz;

Rat id-Digriet tal-15 ta’ Novembru 2010 li bih giet ordnata l-korrezzjoni tar-Rikors fis-sens illi hdejn isem ir-rikorrenti jitnizzel in-numru tal-Karta ta’ l-Identità taghha;

Rat in-Nota tar-rikorrenti pprezentata fis-27 ta’ Jannar 2011 li fiha tindika x-xhieda in sostenn tat-talba taghha;

Semghet ix-xhieda ta’ Victor Borg, Christopher Borg, Kevin Cortis u Brian Farrugia, ilkoll moghtija waqt is-seduta tas-7 ta’ April 2011;

Semghet it-trattazzjoni tar-Rikors da parte tad-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Jibda biex jinghad li fid-dawl tad-Digrieti tal-15 ta' Novembru 2010 u ta' l-20 ta' Jannar 2011 u l-konsegwenti Nota pprezentata mir-rikorrenti fis-27 ta' Jannar 2011 u korrezzjoni tar-Rikors promotur, dak eccepit mill-Awtorità intimata fit-tieni u tielet paragrafi tar-Risposta taghha gie pjenament sorvolat. Jifdal ghalhekk li jigi trattat u deciz il-mertu proprio tat-talba tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti tibbaza t-talba taghha biex it-talba ghall-hlas avvanzata fil-konfront taghha mill-Awtorità intimata permezz ta' l-ittra ufficjali bin-numru 3704/10 fl-ismijiet "L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta) v. Marthese Borg" tigi michuda, in bazi ghall-premessa li l-vettura in kwistjoni – Austin Mini bin-Numru tar-Registrazzjoni IAI-643[1] - kienet giet minnha trasferita u kienet iffirmat id-dokumentazzjoni kollha relatata sabiex jigi effettwat it-transfer.

Mill-provi prodotti mir-rikorrenti però l-kawzali fuq liema tibbaza t-talba taghha ma giet bl-ebda mod ippruvata. In effetti minn dawn l-istess provi – senjatament mix-xhieda ta' Victor Borg, ir-ragel tar-rikorrenti – jirrizulta li din il-vettura *kienet inkisritilha l-magna, tfajnieha fl-ghalqa imbaghad it-tifel qattaghha ghall-hadid … dan gara madwar xi hames jew sitt snin ilu. Ahna lill-Awtorità intimata fir-rigward ta' din il-vettura ma ghidnilha assolutament xejn. Il-bicciet tal-vettura u n-number plates taghha gew mormija mal-hadid[2].* Dan kollu gie kkonfermat minn Christopher Borg, bin ir-rikorrenti, li xehed *il-vettura IAI-643 ta' l-ghamla Austin Mini kienet tal-mama tieghi. Din il-vettura maz-zmien spiccat u jiena tfajtha fl-ghalqa u qattajtha mal-hadid. Jiena kont qattajt ukoll in-number plates tal-vettura. Jiena dak iz-zmien ma kontx naf x'kelli naghmel bin-number plates[3]*.

---

[1] Vide xhieda ta' Victor Borg waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011.
[2] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011.
[3] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011.

Hu evidenti li fid-dawl ta' dak li jirrizulta mix-xhieda ta' Victor Borg u ta' Christopher Borg it-talba tar-rikorrenti kif minnha impostata ma tistax tigi milqugha.

Fi kwalunkwe kaz, ladarba l-pjanci tal-vettura gew mormija u mhux ritornati lill-Awtorità intimata ghall-fini li r-registrazzjoni ta' l-istess vettura f'isem ir-rikorrenti tigi mhassra, jfisser li ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi r-rikorrenti ghadha l-proprjetarja ta' dik il-vettura[4] u b'hekk legalment responsabbli ghall-hlas tal-licenzji u/jew arretrati fuq l-istess ai termini ta' l-Artikoli 26 u 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba tar-rikorrenti. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Vide xhieda ta' Brian Farrugia waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011.